MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 337/2014

**Condominium Services Ltd**
**C 39139**

**Vs**

**Steve Vassallo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet ili l-konvenuti, li huma sidien tal-appartament Numru C5 formanti mill-kumpless Crown Marina ta' Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, huma debituri tas-socjeta' attici fil-kwalita' taghha premessa, fis-somma ta' elf, hames mija u tnejn u tletin Ewro (€1,532) rapprezentanti:

- In kwantu ghal hames mija tnejn u sittin Ewro (€562) kontribuzzjoni tal-konvenuti ghas-sena 2012.
- In kwantu ghal erba' mija hamsa u tmenin Ewro (€485) kontribuzzjoni tal-konvenuti ghas-sena 2013.

- In kwantu ghal erba' mija hamsa u tmenin Ewro (€485) kontribuzzjoni tal-konvenuti ghas-sena 2014.

Ilkoll a bazi tad-decizjonijiet mehuda waqt il-laqghat tas-sidien tal-condominium Crown Marina, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra legali interpellatorja datata 2 ta' Frar, 2014, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fit-3 ta' Gunju, 2014 fejn ecepixa:

1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta' attrici trid iggib il-prova li hija l-amministratici tal-Condominium Crown Marina Apartments u dan in vista tal-artikolu 180 (1) tal-Kap 12, stante il-fatt li ghalkemm is-socjeta' attrici intavolat il-kawza ma pprezentat xejn sabiex turi li ghandha l-ammintrazzjoni effettiva.
2. Illi fit-tieni lok, l-konvenut talab lis-socjeta' attrici tipprezenta rendikont dettaljat tal-ispejjez, bl-invoices u bl-rcevuti, billi kemm mill-expenditures indikati somom li jidhru li huma eccessivi, u li taghhom il-konvenut m'huwiex dispost ihallas dak li huwa eccessiv. Il-konvenut kemm-il darba talab li jara ricevuti originali bhala tas-Schindler Lifts, liema ricevuti sal ghadhom ma waslux ghand il-konvenut. Huwa minhabba f'hekk li sa issa ghadu ma hallasx.

Ghalhekk certament l-imghax m'huwiex dovut.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Illi fis-17 ta' Frar, 2015 l-konvenut ipprezenta nota ta' ammissjoni ghat-talba a bzai tal-ftehim ipprezentat u mmarkat DOK DA1, li qed jigi anness u jifforma parti minn din is-sentenza.

It-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont kif maqbul f'paragrafu 2C tal-kuntratt anness.

Il-kawza tibqa' minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------